MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 590/2015

**Fl-atti tas-Subbasta Numru 5/2012 fl-ismijiet:**

**Michael Attard Limited (C32362)**

**Vs.**

**Albert Vella (ID Nru 2008580(M))**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors b'urgenza ta' Albert Vella li jaqra hekk:

1. *" Illi din is-subbasta ghandha bhala bazi taghha is-sentenza fl-ismijiet "**Michael Attard Limited vs Albert Vella**" (Rik. Gur. 1140/2011) deciza nhar 1-10 ta'Jannar 2012, u li permezz taghha l-esponenti gie kkundanat "sabiex ihallas lill-kunpannija attrici s-sommo ridotta ta' mija u erbgha u ghoxrin elf tmienja u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€124,068.88) rapprezentanti l-import ta' tliet mija u tletlax (313) -il kambjala, kollha skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenut, bl-imghax legali b'effett mid-data tal-iskadenza ta' kull kabjala sad-data tal-effettiv pagament",*

2. *Illi sussegwentement ghal din is-subbasta, is-socjeta' attrici Michael Attard Limited intavolat zewg mandati ezekuttivi ta' qbid ta' mobbli (vetturi) abbazi tal-istess titolu ezekuttiv succitat (u cioe' is-sentenzatal-l0 ta' Jannar 2012);*

3. *Illi permezz ta' dawn il-mandati ta' qbid, li jgib n-numri **30/2012** u **7/2013** rispettivantent, is-socjeta' attrici thallset l-ammont komplessiv ta' sitta u disghin elf euro, mitejn u sitta u sittin Euro (€96,266.00);*

4. *Illi oltre minn hekk, l-esponenti kien gja ghamel diversi pagamenti lis-socjeta' attrici Michael Attard Limited fuq il-kambjali imsemmija, liema pagamenti jammontaw ghas-somma komplessiva ta' circa tmienja u tmenin elf, mija u sebgha u seb,ehin Euro u wiehed u disghin centezmu (€88,171.91), u anke ghamel xi hlasijiet fuq l-idejn ta' circa sitta u tletin elf u mija u hamsin euro (€36,150.00) - ara f'dan is-sens il-prospett anness u diversi ricevuti immarkati "Dok AV1" u "Dok. AV2" rispettivament;*

5. *Illi b'hekk, is-socjeta' attirici Michal Attard Limited thallset komplessivament is-somma ta' mitejn u ghoxrin elf, hames nrija u tlieta u disghin Euro u wiehed u disghin centezmi (€220,593.91 );*

6. *Illi dan ifisser li s-socjeta' attrici m'ghadx ghandha bazi legali, u cioe' titolu ezekuttiv, sabiex tibqa' miexja b'din is-subbasta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti, ghar ragunijiet premessi:*

1. *Tikkancella s-subbasta numru 5/2012 fl-ismijiet premessi;*

2. *Minghajr pregudizju ghall-ewwel talba, u f kaz biss illi tali talba ma tistax tigi milqugha minn din l-Onorabbli Qorti, tissospendi s-subbasta odjerna u tawtorizza lill-esponenti, sabiex fi zmien hekk iffissat minn din il-Qorti, jiftah proceduri gudizzjarji ad hoc sabiex huwa jkun jista' jikkontesta' t-titolu ezekuttiv tas-socjeta' attrici Michael Attard Ltd.”*

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Gunju 2015 ;

Rat illi l-atti tar-rikors, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro parti;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

It-talba tar-rikorrenti subbastat Vella hija talba ghal kancellament tas-subbasta numru 5/12 minhabba hlas tal-ammont dovut u fin-nuqqas talba ghas-sospenzjoni tal-istess.

Din it-talba guramentata saret b'urgenza izda **minghajr ma gew depozitati l-ispejjez** tas-subbasta u **fi zmien aktar kort mis-sebghat ijiem** qabel is-subbasta imhejjija ghat-23 ta' Gunju 2015.

L-Artikolu 326 tal-Kapitolu 12 jistipola:

> ***"326. (l) L-irkant jew il-liberazzjoni għandhom dejjem jitwaqqfu fuq talba tad-debitur bil-kunsens tal-kreditur, jew fuq talba tal-kreditur bil-kunsens tad-debitur, u, f'dan il-każ, kif ukoll meta ttwaqqif isir minħabba impediment leġittimu ieħor, għandhom jinħarġu avviżi ġodda sabiex l-irkant jissokta f'jum ieħor li jiġi stabbilit mir-Reġistratur fi żmien ġimgħatejn.***
>
> ***(2) Jekk it-twaqqif tal-irkant jiġi mitlub mid-debitur jew minn terza persuna, mingħajr il-kunsens tal-kreditur, it-talba ma tiġix milqugħa, kemm-il darba, flimkien magħha, ma titqiegħedx f'idejn ir-reġistratur, somma, illi, fil-fehma ta' dan, tkun biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jsiru minħabba t-twaqqif.***

***(3) Ma tiġix lanqas milqugħa t-talba għat-twaqqif tal-irkant, illi, mingħajr il-kunsens tal-kreditur, tiġi magħmula f'anqas minn sebat ijiem qabel il-jum iffissat għall-irkant, kemm-il darba min jagħmel it-talba ma jaħlifx f'idejn ir-reġistratur, illi r-raġuni tat-twaqqif inqalgħat f'dak iż-żmien, inkella, illi hu ma kienx jaf b'dik ir-raġuni qabel dak iż-żmien.***

***(4) Kull min għandu interess jista' jagħmel rikors li bih jitlob lill-qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha li bih tkun awtorizzat it-twaqqif tal-irkant jew tal-liberazzjoni u l-qorti għandha tisma' lill-partijiet b'mod sommarju qabel ma tagħti d-digriet tagħha. Kull digriet bħal dan ma jista' jiġi kkontestat f'ebda qorti.***

***(5) Il-qorti għandha tisma' lill-partijiet fuq it-talba għas-sospensjoni, iżda ma għandhiex tiddekreta r-rikors relattiv qabel ma jkun sar depożitu tal-ispejjeż kollha tal-bejgħ fl-irkant bil-qorti."***

Illi minkejja li Albert Vella **ghazel li ma jiddepozitax l-ispejjez** tas-subbasta, illi fiha ser tinbiegh id-dar residenzjali ta' Albert Vella, u **minkejja li ma gharrafx lil Qorti bir-raguni 'l ghaliex b'dana rikors sar fi zmien anqas mit-terminu preskritt mill-ligi**, l-Qorti taghraf illi fuq il-meritu, m'huwiex minnu li l-ammont dovut lil Michael Attard Limited huwa fil-fatt saldat.

Dan qieghed jinghad 'l ghaliex minkejja l-Qorti taghraf li Vella ghamel diversi hlasijiet u s-socjeta' ezekutanti hadet ir-rekavat ta' subbasta ohra f'ammont ta' €96,266, dawn il-hlasijiet ma jkoprux l-ammont dovut bl-imghaxijiet apparti li nelfrattemp immaturaw ammont konsiderevoli ta' kambjali ohra, **liema kambjali huma l-oggett ta' titolu esekuttiv ulterjuri.**

Il-Qorti taghraf illi l-ammont dovut originarjament kien .......................... €124,068.88
qieset illi ghalhekk ir-rikavat tas-subbasta ...........................€92,160

u bejgh ta’ karozza lil terz .......................................................4,100

Total..............................................................................................96,260

Illi qieset li kienu ghadhom pendenti nteressi fl-ammont ta’........................... €16,452.75
............................................................................................................................ €7,899.40
Multi /kontravenzjonijiet fuq il-vetturi............................................................. €8,493.00

(Vide Dok. RF2 u HC1 ezebiti minn *financial controller*
tas-socjeta esekutanti **li jindikaw il-pagamenti**
**kollha li Albert Vella ghamel fuq l-idejn)**
Kien ghalhekk illi saret nota ta’ riduzzjoni mill-istess socjeta’
esekutanti li reduciet l-ammont ghal ............................................................**€60,654.67**

Jirrizulta di piu illi hemm titolu ezekuttiv ulterjuri f’ammont ta’ .................€107,880.51
U imghaxijiet ulterjuri ta’ ......................................................................€7,420.69

Illi ghaldaqstant il-Qorti taghraf illi Albert Vella, li ghazel ma jaghtix ix-xhieda tieghu viva voce, ma pprovax il-hlas minnu allegat. Kwindi l-Qorti tichad l-ewwel talba.

Ghar-rigward tat-tieni talba u cioe’ ghas-sospenzjoni tas-subbasta odjerna sabiex Albert Vella jinghata terminu ta’ zmien biex jintavola proceduri gudizzjarji biex jikkontesta titolu esekuttiv tas-socjeta’ esekutanti l-Qorti taghraf illi ma kien hemm xejn xi jzomm lil Albert Vella li jinizja dawn il-proceduri u certament ma kien jehtieg l-awtorizzazzjoni ta’ ebda Qorti biex jintavola kull procedura li dehrlu idoneu.

Il-Qorti pero taghraf li talba ta’ din ix-xorta intavolata ftit jiem qabel is-subbasta odjerna ma hi xejn hlief attentat fjakk biex jitrazznu l-proceduri tas-subbasta odjerna meta jidher li d-debitu ghadu mhux saldat.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad ukoll t-tieni talba t’Albert Vella u tordna li s-subbasta tissokta.

Bl-ispejjez kontra Albert Vella.

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------